MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 198/1987/2

**John Polidano**

***-vs-***

**Edwin Zammit Tabona, Francis Zammit Tabona u Anthony Zammit Tabona f'isimhom *proprio* u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Hompesch Steel Company Ltd. u Joseph Caruana**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur huwa l-proprjetarju ta' katina ta' *oil rig J.W. Bates, drill pipes* u *propellor shafts* li huma tqal cirka 320 tunnellata;

Premess illi dawn l-oggetti gew depozitati f'idejn Joseph Caruana li minghajr il-kunsens ta' l-attur iddispona minn parti minnhom favur il-konvenuti *nomine*;

Premess li l-konvenuti *nomine*, meta xtraw dawn l-oggetti minghand il-konvenut l-iehor, kienu jafu li qed jixtru l-oggetti li ma kienux tieghu u per konsegwenza kienu in mala fede u dana kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi kif l-attur sar jaf li Joseph Caruana iddispona minn dawn l-oggetti huwa mar ghand il-konvenuti *nomine*, gharrafhom li l-oggetti kienu tieghu u illi Caruana ma setghax jiddisponi minnhom u cio nonostante l-istess konvenuti *nomine* bieghu dawn l-oggetti u esportawhom barra minn Malta fuq il-vapur "Gold Fish" li telaq minn Malta fid-9 ta' Marzu, 1985;

Premess illi l-istess Caruana qabel mal-konvenuti *nomine* kienu esportaw l-oggetti in kwistjoni, rega' infurmahom illi l-istess ma kienux proprjeta` tieghu izda kienu ta' l-attur u cio nonostante il-konvenuti *nomine* baqghu ma irrimedjaw xejn; anzi ghamlu l-arrangamenti taghhom biex jesportawhom, liema esportazzjoni kienet illegali f'kull kaz;

Premess illi dan l-agir tal-konvenuti *nomine* huwa frawdolenti partikolarment ghaliex avvertiti mill-illecieta` tal-provenjenza ta' l-oggetti fil-pussess taghhom u messi in male fede mill—attur u minn Joseph Caruana, il-konvenut l-iehor, xorta wahda esportawhom u ghalhekk id-diretturi tas-socjeta` huma responsabbli wkoll personalment favur l-attur;

Premess illi b'dan l-agir il-konvenut Caruana u il-konvenuti l-ohra *proprio et nomine* ikkawzaw danni lill-attur konsistenti fit-telf tal-valur ta' l-istess oggetti u fit-telf tal-valur reali ta' l-oggetti rimanenti stante li l-attur kellu jbieghhom bi prezz ferm inferjuri minn dak korrenti, li ghalihom il-konvenuti kollha huma responsabbli;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti *proprio et nomine* solidalment responsabbli ghad-danni kagunati lill-attur minhabba dan l-agir illegali u frawdolenti taghhom;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nomunandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *proprio et nomine* jhallsu lill-attur dawk id-danni hekk likwidati kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra il-konvenuti *proprio et nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Edwin Zammit Tabona, Francis Zammit Tabona u Anthony Zammit Tabona f'isimhom *proprio* u ghan- nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Hompesch Steel Company Limited li permezz taghha eccepew:-

1. Preliminarjament, l-azzjoni in kwantu diretta kontra l-eccipjenti f'isimhom *proprio* ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, u dana mbux biss ghax l-eccipjenti Edwin Zammit Tabona u Francis Zammit Tabona qatt ma hadu parti fin-negozjati ghax-xiri tal-bcejjec ta' l-i*scrap* in ezami, izda wkoll ghax it-trattativi, diskussjonijiet u xiri dejjem saru f'isem u ghan-nom tal-kumpanija The Hompesch Steel mill-ufficcjali taghha;

2. Fil-meritu, l-attur ghandu, fl-ewwel lok, jipprova li kellu l-proprjeta` ta' l-oggetti imsemmija fic-citazzjoni, u, fit-tieni lok, it-talba ta' l-attur ghall-kundanna u hlas ta' danni ghandha, f'kull kaz, tigi michuda peress li l-kumpanija konvenuta xtrat il-bcejjec ta' l-i*scrap* in buona fede minghand Joseph Caruana, il-konvenut l-iehor; inoltre, meta l-attur, wara certu zmien, ipprezenta ruhu bhala l-

proprjetarju tal-katina, l-eccipjenti kienu dejjem lesti li, jekk jipprova t-titolu, iroddulu lura l-bcejjec tal-katina mixtrija versu hlas ta’ kumpens kif titlob il-ligi. L-attur, pero`, la gab il-provi li l-bcejjec huma tieghu u lanqas ried jindennizza lill-eccipjenti *nomine*;

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat illi l-konvenut Joseph Caruana, debitament notifikat, baqa’ ma pprezentax in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tat-13 ta’ April 1988 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Marco Griscti biex ifittex u jirrelata wara li jiehu konjizzjoni tat-talbiet ta’ l-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi espert legali li tinsab a fol. 120 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta’ l-20 ta’ Mejju 1997;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F’din l-azzjoni l-attur qed jallega illi meta l-konvenuti Zammit Tabona u s-socjeta` taghhom xtraw jew akkkwistaw partijiet minn katina specjali ad uzu mill-*oil rigs* u materjal iehor minghand il-konvenut l-iehor Joseph Caruana dan in-negozju sar in frodi ghad-drittijiet proprjetarji tieghu fuq l-istess merce;

Il-konvenut Caruana baqa' kontumaci mentri l-konvenuti Zammit Tabona u l-kumpanija taghhom The Hompesch Steel Company Limited jiddefendu ruhhom illi x-xiri ta' bcejjec ta' l-i*scrap* minghand il-konvenut Caruana sar in buona fede;

Jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur (fol. 46), l-Affidavit ta' Josie Urpani u d-deposizzjoni tal-konvenut Joseph Caruana fl-Affidavit tieghu a fol. 80 illi l-katina *de quo* flimkien ma' materjal iehor gew affidati mill-attur lill-konvenut Caruana biex dan izommhomlu peress illi ma kellux spazju fejn jimmagazzinahom;

Jirrizulta wkoll li l-konvenut Caruana offra ghal bejgh lis-socjeta` konvenuta partijiet mill-katina, li ha hsieb iqatta', flimkien ma' materjal iehor li kien fil-pussess tieghu. Intlahaq qbil, sar in-negozju, gew rilaxxjati ricevuti u hu stess ha hsieb il-garr tal-merce mibjugha.  In segwitu l-attur avvicina lill-konvenuti Zammit Tabona fejn gharrafhom illi l-katina u xi oggetti ohra li huma kienu xtraw minghand Caruana kienu fil-fatt proprjeta` tieghu. Dawn il-konvenuti, minn naha taghhom, talbuh prova ta' dak allegat minnu dwar it-titolu ta' proprjeta vantat minnu riferibilment ghall-oggetti mixtrija;

L-Artikolu 558 (1) tal-Kodici Civili jipprovdi illi "ghal dawk li huma hwejjeg mobbli minnhom infushom, jew titoli ghal portatur, il-pussess ghandu favur it-terzi ta' bona fidi, l-effett stess tat-titolu ...";

Izda f'kaz li l-oggett mobili ikun intilef jew insteraq sidu jista' jirrivendikah lura billi jindennizza lill-possessur [Artikolu 559 (1) tal-Kodici Civili], u jista' wkoll jitolbu lura minghajr l-obbligu li jindennizza lill-possessur meta dan ma jkunx ircevih b'bona fidi, b'titolu oneruz, u minghand min, milli kien jidher, seta' kien sid dak l-oggett, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex jiddisponi minnu [Artikolu 559 (2)];

Kif ritenut fid-decjizjoni "**Carmelo Petroni *proprio et nomine* –vs- Joseph Fenech**", Appell Civili, 27 ta' Frar 1959, din l-ahhar disposizzjoni fuq citata "pero` tapplika biss ghall-kaz ta' serq veru u proprju; u ghalhekk fil-kaz li l-possessur tal-haga jkun akkwistaha minghand persuna li tkun approprijat ruhha ndebitament minnha ghad-dannu ta' sidha, is-sid ma jistax jezercita l-azzjoni rivendikatorja fuq dik il-haga bis-sahha ta' din id-disposizzjoni.";

Fil-verita` fil-kaz *de quo* l-attur ma huwiex qed jitlob ir-rivendika, anke ghaliex il-haga lahqet giet esportata mill-possessur, izda d-danni. Ghalhekk l-indagini li trid issir hi dik li jigi stabbilit jekk tabilhaqq is-socjeta` konvenuta, kif hekk minnha ritenut, kienetx possessur ta' buona fede;

Kif gja muri supra, skond il-ligi l-buona fede hi prezunta, u allura min jallega l-mala fede, kif hekk qed jirritjieni l-attur, ghandu jippruvaha. Prova din li jehtieg tirrizulta minn cirkustanzi univoci. "*La prova della mala fede si deve desumere da circostanze ineluttabili ed affatto non equivoche*" – "**Borg –vs- Grech**", Appell, 30 ta' Jannar 1869;

Issa hu minnu li f'xi sentenza gie ritenut illi l-prova relattiva tal-buona fede giet mixhuta fuq l-akkwirent li ghandu jipprova mhux biss li kien in "buona fede" izda li lanqas kien fi htija meta akkwista l-haga (**Vol. XXXII P I p 628**);

B'danakollu, kif taraha din il-Qorti fil-kaz prezenti ma tezisti l-ebda raguni ghaliex m'ghandux jibqa' japplika l-principju generali sancit mill-Artikolu 558. Li jfisser li jibqa' d-dmir ta' l-attur li jipprova l-mala fede tal-konvenuti Zammit Tabona u tas-socjeta` minnhom rapprezentata (**Vol. XXXIII P II p 266**). Dan anke ghaliex a differenza tal-kaz prospettat fid-decizjoni msemmija (**Vol. XXXII P I p 628**) il-kaz *de quo* ma ghandux jigi kazellat taht l-ipotesi prevvista mill-Artikolu 559, izda taht l-Artikolu 558, li hu distint sewwa minnu;

Wiehed, imbaghad, irid izomm prezenti illi "dak li l-ligi taghna tirrikjedi biex il-pussess ikun ta' buona fede huwa illi l-possessur ikun ghal motiv mhux verosimili jahseb li l-haga li jipposjiedi hi tieghu (Artikolu 531 tal-Kodici Civili) u dan l-istat ta' mohh fil-pussessur hu prezunt, sakemm min jallega n-nuqqas ta' buona fede jew il-mala fede (Artikolu 532) ma jwaqqax dik il-presunzjoni." – "**Captan Robert Mizzi *et nomine* –vs- Francesco Debono *et nomine***", Appell Civili, 14 ta' Ottubru 1966. Ara wkoll fl-istess sens sentenzi fl-ismijiet "**Georgia Bilocca *nomine* –vs- Roger Lapira**", Appell Civili, 10 ta' Gunju 1966 u "**Chev. Elia Zammit –vs- Antonio Farrugia**", Appell Civili, 23 ta' Marzu 1970;

Dan kollu jwassal ghal punt ta' l-ezami tal-provi sabiex jigi stabbilit jekk jirrizultawx cirkostanzi univoci li jinnewtralizzaw u jxejnu l-prezunzjoni tal-buona fede favur il-konvenuti, ad eskluzjoni tal-konvenut Caruana;

Tajjeb pero` li qabel xejn jigi sottolinejat dan it-taghlim miksub mid-decizjoni fl-ismijiet "**Avukat Dottor Gavin Gulia *nomine* –vs- Sergio Zampa *proprio et nomine***", Appell, 31 ta' Mejju 2000:-

"Mill-banda l-ohra jekk ma tigix provata mill-attur il-mala fede tal-konvenut, jekk dan ta' l-ahhar ikun akkwista b'titolu oneruz u jekk ikun akkwista minghand persuna li minn dak li kien jidher seta' kien sid il-haga offerta ghall-bejgh, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi minn dik il-haga, il-kompratur ma kellux l-obbligu li jindaga oltre dwar l-indentita` tal-venditur. Dan naturalment ma jfisserx li l-kompratur seta' jixtri b'ghajnejh maghluqa f'kull cirkostanza. Hu kellu l-obbligu li japprezza sewwa dak li kien jidher. Li jfisser li jekk ic-cirkostanzi kienu tali li kellhom normalment iqanqlu dubju fil-bniedem ragjonevoli dwar il-provenjenza ta' l-oggett li kien qed jigi lilu offert ghall-bejgh, jew dwar ir-rabta bejn dak l-oggett u s-sid veru tieghu, hu kien obbligat li jaghmel l-indagini kollha necessarji ghaliex altrimenti jkun qed jixtri ghar-riskju tieghu. F'dan il-kuntest jassumu allura

rilevanza c-cirkostanzi li graw wara li gie konkluz il-bejgh, u kif il-konvenut ikkomporta ruhu.”;

Il-Qorti ma ssibx raguni, mill-kumpless tal-provi, biex ma taqbelx mal-konkluzjoni peritali.  Dan wara li tqis dawn l-aspetti:-

I. L-oggetti in diskussjoni nxtraw flimkien ma’ merce ohra, bhal *containers*, u li skond il-konvenut Caruana, ried jiddisponi minnhom;

II. Inxtraw bil-prezz kurrenti tas-suq jew ahjar ma ngiebet l-ebda prova kuntrarja illi l-prezz taghhom bhala “*scrap*” ma kienx konformi ghal dak fil-pjazza ta’ bejgh konsimili;

III. Malli gew rinfaccjati mill-attur, oltre li accettaw biex ma jsiefrux il-merce sakemm hu jirrizolvi l-kwestjoni mal-konvenut Caruana, sahansitra offrewlu biex jiehu l-oggetti lura basta dan ihallashom l-ammont li zborzaw ghall-akkwist taghhom;

IV. L-attur minn naha tieghu baqa’ jitrattjeni u mhux biss baqa’ ma hadhomx lura talli sahansitra wkoll baqa’ passiv ghar-rikjesti li sarulu biex jipproduci prova li hu kien il-veru sid ta’ l-oggetti;

V. Kontra l-allegazzjoni ta’ l-attur, ta’ Josie Urpani u tal-konvenut Caruana illi l-oggetti kienu mohbija taht *scrap* iehor fil-kumpless tas-socjeta` konvenuta ngiebu provi ribatibbli li tizmentixxi dan.  Ara xhieda ta’ Maurice Gouder (fol. 54), Paul Psaila (fol. 58), Salvu Fenech (fol. 60), Emanuel Camilleri (fol. 61), Anthony Attard (fol. 62), John Grech (fol. 63) u Joseph Scicluna (fol. 65);

VI. Qabel ma siefru l-katina jew bicciet taghha l-konvenuti hadu l-parir legali taghhom;

VII. Jirrizulta inoltre li l-kaz gie investigat mill-Pulizija izda ma ttiehdu l-ebda proceduri f’dan il-kuntest;

VIII. L-attur jidher li baqa' passiv biex jirrivendika lura l-katina u l-materjal l-iehor. Din il-passivita` tieghu kompliet tintwera anke fil-kaz ta' l-istanza odjerna fejn ha oltre sentejn biex ipproponiha minn meta sehh il-bejgh u l-merce giet esportata;

L-attur isostni li l-konvenuti Zammit Tabona u s-socjeta` taghhom kellha tigi ritenuta ko-responsabbli flimkien mal-konvenut l-iehor ghad-danni. Dan fuq l-assunt tieghu illi kulhadd jaf lil xulxin u ghalhekk dawn il-konvenuti messhom kienu jafu li l-katina ma kienetx ta' Caruana, anke ghax, dan ta' l-ahhar ma kienx f'dak il-mestjier;

Tali argoment ma jistax jigi akkolt jew accettat b'semplici ragjonament ipotizzat fl-astratt izda biss fil-konkret tal-provi rizultanti. Fattur dan li mill-atti hu mankanti. Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li l-konvenuti ma hadux kura bizzejjed biex jindagaw il-provenjenza ta' l-oggetti offerti lilhom in vendita` jew li c-cirkostanzi kellhom jirrenduhom sospetti dwar l-origini tal-materjal mixtri minnhom. Minn dan kollu ma nsibu xejn fl-atti processwali u allura ma huwiex lecitu li wiehed jiddezumi illi l-konvenuti msemmija naqsu milli jiehdu d-debiti kawteli qabel ma xtraw minghand minn presumibilment kien il-legittimu proprjetarju ta' l-oggetti jew hekk inkarigat minn sidhom biex jiddisponi minnhom. Inghad fuq l-insenjament tal-**Fadda**, citat fid-decizjoni a **Vol. XLIII P I p 146**, flimkien ma' bosta awturi u trattisti ohra fuq is-suggett illi "*la negligenza che l'acquirente abbia commesso nell'indagare la qualita` del possesso dell'alienante non lo induce in mala fede*";

Tenut rigward tac-cirkostanzi kollha, senjatament ukoll il-komportament tal-konvenuti Zammit Tabona, wara l-akkwist u l-passivita` ta' l-attur, din il-Qorti, bhal perit relatur qabilha, ma jidhrilhiex illi l-attur irnexxielu jgib provi sufficcjenti u assodanti li kienu jeskludu l-buona fene ta' l-imsemmija konvenuti *proprio et nomine*;

Finalment, di fronte ghal konvenut Caruana, din il-Qorti sejra taddotta wkoll il-konkluzjoni peritali. Dan fis-sens li dan il-konvenut ghandu jirrizarcixxi lill-attur l-ammont likwidat, u del resto, maqbul bejn dan l-istess konvenut u l-attur, ta' elfejn lira Maltija (Lm2000).

Ghal dawn il-motivi u bl-adozzjoni tar-relazzjoni peritali:-

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara lil konvenut Joseph Caruana unikament responsabbli ghad-danni di fronte ghall-attur u b'hekk tillibera lill-konvenuti l-ohra *proprio et nomine* minn kull imputazzjoni ta' htija stante li l-attur ma rnexxielux jipprova li dawn kienu in mala fede meta xtraw il-katina, *drill pipes* u *propellor shafts* minghand l-imsemmi Joseph Caruana;

Tilqa' t-tieni domanda u tillikwida d-danni fl-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2000);

Konsegwentement tilqa' t-tielet domanda billi tikkundanna lil konvenut Joseph Caruana jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut kontumaci Joseph Caruana salv li dawk fil-konfront tal-konvenuti Edwin Zammit Tabona, Francis Zammit Tabona u Anthony Zammit Tabona f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Hompesch Steel Company Limited ghandu jbatihom l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------